# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 930/2010

## tat-18 ta' Ottubru 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Ovčí salašnícky údený syr (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, l-applikazzjoni tas-Slovakkja biex tirreġistra d-denominazzjoni "Ovčí salašnícky údený syr" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Peress li l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, dik id-denominazzjoni għandha għalhekk tiddaħħal fir-reġistru.

(3) Ma ntalbitx il-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni li tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament qiegħda b'dan tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.

([2]) ĠU C 305, 16.12.2009, p. 27.

*ANNESS*

Il-prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat, maħsuba għall-konsum uman:

**Il-kategorija 1.3. Ġobnijiet**

IS-SLOVAKKJA

Ovčí salašnícky údený syr (STG)